MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Numru. 357/2012

Il-Pulizija
(Sp Bernard Spiteri)
vs
Elaine Agius, bint Raymond, imwielda Pieta' fil-21 ta' Novembru, 1984, karta ta' l-identita numru 567484(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fil-21 ta' Jannar, 2012, f'xi ħin bejn l-10.00 a.m. u is-1.00 p.m. ġewwa l-ħanut li jġib l-isem ta' 'Jewel Box' u li jinsab fi Triq Zakkarija, il-Belt, Valletta u/jew fil-ġranet ta' qabel:
laqgħat għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement b'kull mod, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom u li l-valur ta' dawn l-oġġetti jaqbeż l-€2,329.37.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2012 fejn il-partijiet qablu li l-valur tal-oġġett kien ta’ €10,000.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2012 fejn il-parte ċivile, Linda Brincat, infurmat il-Qorti li hi rċeviet dak kollox dovut, qed taħfer lill-imputata u ma għandhiex aktar interess f’din il-kawża.

Il-Prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li għalkemm fl-istqarrija ma tirrizulta ebda kollaborazjoni sħiħa, aktar tard il-kollaborazzjoni ta’ l-imputata kienet sħiħa.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2012 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena.  L-ammissjoni bikrija tagħha, il-fedina penali netta, il-fatt li l-oġġett ġie ritornat, il-maħfra u il-kollaborazzjoni mal-pulizija.  Għalhekk, tikkundannaha għal piena ta’ sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------